

- fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dikjarazzjonijiet tal-appellant u fuq żball ta' liġi mwettaq mit-TSP billi interpreta l-kunċett ta' "assenza" hekk kif inhu mfisser mill-Artikoli 57, 59 u 60 tar-Regolamenti tal-Persunal;
- fuq żball ta' liġi mwettaq mit-TSP fl-applikazzjoni tal-Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal; u
- fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tad-diversi punti deċiżivi tal-kawża appellata.

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Frar 2010 — Phoenix-Reisen u DRV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-58/10)

(2010/C 113/79)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Phoenix-Reisen GmbH (Bonn, il-Ġermanja) u Deutscher Reiseverband eV (DRV) (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Gerharz, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta, tal-20 ta' Novembru 2009, innotifikata b'ittra fil-11 ta' Diċembru 2009, li permezz tagħha l-konvenuta tirrifjuta li tintervjeni kontra l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-forma ta' ħlas ta' kumpens għal insolvenza;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jikkontestaw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8707 finali, tad-19 ta' Novembru 2009, rigward l-Għajjnuna mill-Istat NN 55/2009 — Ġermanja, Allegata għajjnuna mill-Istat permezz ta' ħlas ta' kumpens għal insolvenza u l-finanzjament tiegħu. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixx għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jallegaw li s-sussidju tal-impriżi insolventi ma jistax jiġi għustifikat abbażi tad-Direttiva 80/987/KEE <sup>(1)</sup>, għaliex hija għandha bħala għan esklużiv il-protezzjoni tal-impjegati tal-impriżi insolventi u mhux tal-impriżi nfushom. Skont ir-rikorrenti, skont il-prassi ġuridika segwita fil-Ġermanja, l-impriżi insolventi jibbenefikaw direttament mill-kumpens għal insolvenza. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li eżempji minn Stati Membri oħra tal-Komunità juru li huwa possibbli li d-dritt nazzjonali jimplementa d-Direttiva 80/987/KEE mingħajr ma jiġu ssussidjati kompetituri b'mod inammissibbli.

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 80/987, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 283, p. 23).

### Appell ippreżentat fl-10 ta' Frar 2010 minn Brigitte Zangerl-Posselt mis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Novembru 2009 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-83/07, Zangerl-Posselt vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-62/10 P)

(2010/C 113/80)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Appellanti:* Brigitte Zangerl-Posselt (Merzig, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Paulmann, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;

— tiddeċiedi dwar il-kawża, u kif sostnut mill-appellanti fl-ewwel istanza, tannulla d-deċiżjoni li ttieħdet bħala konsegwenza tal-ilment tat-13 ta' Diċembru 2007 u li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AST/27/06, tal-25 ta' Lulju 2007, li ma tawtorizzax lill-appellanti tiegħu sehem fl-eżamijiet prattiċi u orali ta' din il-kompetizzjoni;